MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 562/2007/1

**Joseph Borg**

**vs**

**Louis Mercieca u Victoria Grech**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha f`dan ir-rikors.

Semghet lill-avukati jittrattaw.

Ikkunsidrat illi l-Art 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 873(i) – L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Ikkunsidrat ukoll li skond l-istess Art 873(2)

Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghaldaqstant:

Tichad it-talba, b`dan pero` illi:

1. l-ebda xoghol ta` twaqqiegh jew kostruzzjoni fil-fondi *de quo* m`ghandu jinbeda qabel l-ewwel ta` Ottubru, 2007.

2. it-twaqqiegh ta` bini ezistenti ghandu jsir kollu bl-idejn.

3. ebda ingenji permanenti m`ghandhom jitqeghdu quddiem il-fondi *de quo*.

4. *tower crane* ghandu jitqieghed fuq in-naha ta` wara tal-progett.

Il-Qorti taghmel taghha ukoll il-kundizzjonijiet Nru. 10(j) u (k) imposti mill-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fid-dokument a fol. 34 tal-process ta` dan ir-rikors fejn bih l-istess awtorita` taghti permess ghall-izvilupp imsemmi.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------